

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2011

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli**

(2011/52/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar l-Agricoltura"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.
- (2) Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli <sup>(2)</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Addizzjonali"), daħal fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru 2007.
- (3) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel, li jemenda l-Ftehim dwar l-Agricoltura billi jdaħħal anness ġdid, l-Anness 12.
- (4) L-Unjoni Ewropea, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u l-Konfederazzjoni Svizzera qablu li l-Ftehim Addizzjonali għandu wkoll jiġi emendat biex jittieħed kont tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.
- (5) Jeħtieġ li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera, u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, li jemenda l-

Ftehim Addizzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim. <sup>(3)</sup>

## Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jemenda l-Ftehim Addizzjonali bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jestendi għall-Prinċipat tal-Liechtenstein il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

MATOLCSY Gy.

<sup>(1)</sup> ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

<sup>(2)</sup> ĠU L 270, 13.10.2007, p. 6.

<sup>(3)</sup> It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.